MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1283/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Godwin Attard abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Michael Godwin Attard**

**vs**

**Massimo Bonello**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erba' liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm204.17) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Michael Godwin Attard assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb,**

**kwantu ghall-ammont ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm179.17) is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-istess Michael Godwin Attard in linea ta' excess payment, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Frar, 2002, ghall-habta tat-3.30p.m., gewwa Triq it-Tempji Neolitici, k/m Triq San Frangisk, Tarxien, bejn il-vettura proprjeta` ta' l-attur Michael Godwin Attard, bin-numru ta' registrazzjoni EBC-253 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni GAO-821, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikurattrici Bonnici Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc, u l-interess legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003 kontra l-konvenut.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Ottubru, 2003, fejn intqal:**
**i. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` assikuratrici, stante illi kienet l-assigurata tas-socjeta` attrici li kkawzat l-incident mertu tal-kawza;**
**ii. Illi jsegwi ghalhekk illi ma hemmx Danni x'jigu likwidati u mhallsa mill-konvenut;**
**iii. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Louise Attard, Michael Godwin Attard, Anthony Savona, Massimo Bonello, PS 1067 Mario Spiteri, Joseph Muscat. Innota li l-partijiet qablu li ma kienx hemm in-necessita` li jitressqu provi dwar l-ircevuti. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fl-20 ta' Frar, 2002 ghal habta tat-3:30p.m. fi Triq it-Tempji Neolitici k/m Triq San Frangisk, Tarxien bejn il-vettura EBC 253 misjuqa minn Louisa Attard u l-vettura GAO 821 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Mill-provi jirrizulta illi Louisa Attard kienet qed issuq fi Triq it-Tempji Neolitici u meta waslet fil-kantuniera ta' Triq San Frangisk hareg il-konvenut u hi ma waqfitx fil-hin. It-triq minn liema kienet ghaddejja l-attrici hija dritta, filwaqt illi jirrizulta illi mit-triq minn fejn kien hiereg il-konvenut hemm *stop sign*.**

**3. Il-konvenut qed ighid illi hu hareg kemm kemm minn Triq San Frangisk, ra lill-attrici gejja ssuq, inhasad u waqaf u sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenut jispjega li ma setax iregga lura meta waqaf peress li kien hemm vetturi warajh.**

**4. Skond il-konvenut l-ewwel darba li ra lill-attrici kienet xi erba' karozzi l-boghod. Fil-fatt jirrizulta li l-attrici halliet brake marks twal 8.5metri. Jirrizulta wkoll li fi Triq it-Tempji Neolitici fuq il-lemin tat-triq ikun hemm vetturi parkeggjati.**

**5. Ma hemmx dubbju illi min hiereg minn triq sekondarja ghal go triq principali, u aktar u aktar fejn hemm stop sign, ghandu jassigura illi jista' johrog minghajr ma johloq ostakolu ghat-traffiku illi ghaddej fi triq principali. In oltre ma jirrizultax illi l-attrici kienet ghaddejja b'velocita' eccessiva.**

**6. Jidher illi bil-manuvra tieghu meta l-konvenut sporga bicca sew ghal go Triq it-Tempji Neolitici, huwa fil-fatt ibblokka totalment il-karreggjata li minnha kienet ghaddejja l-attrici li per konsegwenza ma kellha l-ebda alternattiva hlief li zzomm brake u tevita' l-kollizzjoni. Ghalhekk ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut. Id-danni gew konfermati mis-surveyor Joseph Muscat u Anthony Savona kkonferma li l-assikurazzjoni hallset id-danni in kwistjoni salv l-excess li thallas mill-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed isib lill-konvenut unikament responsabbli u jikkundannah ihallas lis-**

**socjeta' attrici s-somma ta' mija disa u sebghin lira u sbatax-il centezmu (Lm179.17) u lill-attur Michael Attard is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25), bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija ammonti mis-6 ta' Jannar, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Jannar, 2003, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Bonnici Insurance Agency Ltd. bhala agenti tas-socjeta` Middle Sea Insurance plc ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------